MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1273/2005

**Anthony Sammut (82962M)**

**Vs**

**Daniel Tonna**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u wiehed u tletin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm431.14c) rapprezentanti danni subiti fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni IAS 526 wara kollizjoni li sehhet fid-19 ta' Jannar, 2005 quddiem ic-cimiterju ta' H'Attard waqt li l-vettura kienet misjuqa minn mart l-attur u giet involuta f'kollizjoni mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCC 357 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur ghandu u fi kwalsijasi kaz jipprova d-danni minnu reklamati.

Sema' x-xhieda tal-Warden 243 Clayton Frendo, Anthony Sammut, Annette Sammut u ta' Daniel Tonna.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Edward Zammit Lewis ghall-attur u ta' Dr Siegfried Borg Cole ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Daniel Tonna kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCC 357 u kien niezel Triq Valletta, Attard bl-intenzjoni illi meta jasal qrib ic-cimiterju ta' H'Attard jaqbad Triq Notabile u jibqa' miexi ghad-dritt.

Annette Sammut, mart l-attur, kienet qeghda ssuq fi Triq in-Nutar Zarb u kisret lejn ix-xellug taghha biex taqbad Triq Valletta. Iz-zewg vetturi kienu qeghdin ghalhekk mexjin f'direzzjoni opposta ta' xulxin gewwa Triq Valletta. Sammut xehdet illi meta daret u bdiet issuq Triq Valletta rat il-vettura Golf misjuqa mill-konvenut gejja bi speed qawwi. Hija tghid li waqfet izda d-driver l-iehor taha daqqa u baqa' niezel hdejn l-i*stop sign* hemm isfel. Hi kkalkolat li waqaf xi daqs it-tul ta' Awla 10 bi tlett darbiet. Sussegwentement gie l-Warden u ghalkemm sar rapport, ma sarx *sketch* ghaliex il-vettura ta' Tonna lahqet tressqet.

Tonna da parti tieghu xehed li huwa kien niezel minn Triq Valletta u f'daqqa wahda minn go *blind corner* min-naha tal-lemin tieghu harget il-vettura Hyundai u lilu laqtitu mal-genb min-nofs il-bieba tad-driver lura bil-kantuniera ta' quddiem tal-vettura taghha.

Huwa zied jghid li waqaf izda waqt li kienu qed jistennew il-Warden, is-sid tal-post magenb fejn kien waqaf bdiet tilmenta ghax imblokkalha d-*drive in* u kellu jcaqlaq il-vettura tieghu u li kien fuq hekk li l-Warden m'ghamilx *sketch*. Il-Warden ikkonferma li effettivament l-i*sketch* ma sarx ghaliex il-vettura ta' Tonna kienet iccaqalqet minhabba li kien qed jimblokka t-traffiku.

Iz-zewg sewwieqa jsostnu li kienu fin-naha taghhom rispettiva tat-triq. Kieku verament iz-zewg sewwieqa kienu qed isuqu b'dan il-mod, il-kollizjoni ma kienetx issehh. Mir-ritratt esebit a fol 6 tal-process li huwa ritratt mehud mill-Warden, dan juri l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAS 526 cjoe' dik ta' mart l-attur, fuq in-naha taghha tat-triq, pero' wiehed jista' jinduna wkoll illi r-roti qeghdin miksurin 'il gewwa u li ghalhekk evidentement qabel ma' din il-karozza spiccat f'din il-pozizzjoni certament kienet aktar sporguta 'l barra.

Il-vettura tal-konvenut ukoll tidher fuq in-naha taghha tat-triq.

Il-hsara fil-vettura ta' l-attur tinsab proprjament fix-xewka ta' quddiem tan-naha tal-lemin. Il-hsara fil-vettura tal-konvenut qeghda mal-genb mill-bieba tan-naha tad-driver lura u dan ifisser illi bil-fors il-vettura misjuqa minn mart l-attur kienet miexja fil-mument li sehhet il-kollizjoni. Kieku din il-vettura kienet wieqfa zgur illi kien ikun hemm hsara mill-bidu nett tal-vettura tal-konvenut u mhux mill-bieba tad-driver lura. Galadarba l-vettura ta' mart l-attur kienet miexja, dan ifisser ukoll illi qabel ma sehhet il-kollizjoni, hija certament kienet aktar sporguta 'l barra u dan jidher mill-angolu tar-roti ta' quddiem tal-vettura. Huwa ta' min jinnota illi l-kisra li riedet iddur maghha mart l-attur hija kisra qawwija u li m'ghandhiex vizwali tajba. Il-kollizjoni sehhet proprju fil-mument li hija daret mal-kisra u sporgiet ghal gewwa Triq Valletta.

It-Tribunal m'ghandux dubju illi fil-mument li mart l-attur kienet qeghda taghmel din il-manuvra hija ma kienetx qeghda ssuq bi speed qawwija u huwa propens li jaccetta

illi l-konvenut kien qed isuq bi speed aktar minnha, ghalkemm jekk dan l-ispeed kienx eccessiv huwa dibattibbli. Certament ma jistax jigi njorat il-fatt illi mill-punt ta' l-impatt sakemm waqaf il-konvenut kien hemm distanza ta' tlett Awli boghod – cjoe' bejn wiehed u iehor xi tletin metru, ghalkemm imbaghad wiehed ma jridx jinsa illi m'hemm l-ebda *brake marks* u t-triq kienet imxarrba.

Illi tenut kont tal-premess, it-Tribunal isibha difficli biex jasal ghall-konkluzjoni min miz-zewg drivers huwa responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni, fis-sens illi m'hemmx provi sufficjenti li juru li fil-hin li sehh l-incident il-konvenut kien qieghed *wrong side* jew jekk kienetx mart l-attur li kienet *wrong side*. Xi hadd minnhom kien, pero' mill-provi prodotti dan in-*nodus* ma jistax jigi rizolt.

F'kazijiet simili l-piz tal-prova tispetta lill-attur u jekk l-attur ma jirnexxielux igib prova sodisfacenti t-Tribunal ma jkollux alternattiva hlief li jehles lill-konvenut mir-responsabbilta'.

Fil-kaz odjern, il-provi prodotti m'humiex cari bizzejjed biex jikkonvincu lil dan it-Tribunal halli serenament jasal ghall-konkluzjoni dwar responsabbilta' u ghalhekk fic-cirkostanzi m'ghandux alternattiva hlief li jiddikjara li l-kawza attrici ma gietx sodisfacentement ippruvata izda minhabba f'dan, it-Tribunal ihoss li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-attur ma rnexxielux jipprova sodisfacentement li l-konvenut kien responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement jichad it-talba tieghu. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------